MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru 491/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs.**

**Shaun Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shaun Buhagiar**, ta' ghoxrin (20) sena, bin Raymond u Emanuela neé Spiteri, imwieled il-Pieta', nhar l-4 ta' Novembru 1992, residenti 3, "Raylil', Triq il-Bieb, Fgura u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 521892 (M), akkuzat talli:

1. f'Novembru 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit

ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,239. 37) liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li, waqt is-seduta tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet id-depozizzjoni ta' Carmen Galea, rapprezentanta tas-socjeta' ARRIVA Malta Limited, li xehdet li l-ammont kollu dovut mill-imputat lis-socjeta' imsemmija jammonta ghal € 7658.60.

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013, li l-imputat ghadda s-somma ta' tlett mitt Euro (€ 300.00) lis-socjeta' ARRIVA Malta Limited.

Illi jirrizulta l-bilanc dovut mill-imputat lis-socjeta' ARRIVA Malta Limited huwa dak ta' € 7358.60, kif xehdet l-istess Carmen Galea fis-seduta tallum.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat ((Dok. "JF 2") li hija wahda nadifa), l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, il-fatt li l-imputat diga hallas ammont lis-socjeta' ARRIVA Malta Limited, u kif ukoll il-fatt li f'kaz li l-imputat jinghata piena ta' prigunerija effettiva ma jkunx f'pozizzjoni li jhallas il-bilanc dovut lis-socjeta' ARRIVA Malta Limited u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputat jinghata sentenza li permezz taghha jkun jista' fi zmien qasir ihallas lura dak li ghadu dovut u fin-nuqqas jiskonta piena ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lis-socjeta' ARRIVA Malta Limited is-somma ta' sebat'elef, tlitt mija u tmienja u hamsin Euro u sittin centezmu (€ 7,358.60).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' € 7,358.60 fiz-zmien lilu moghti.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------